**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Marzu 2017**

Numru1

**Rikors Guramentat Nru. 176/2011**

**Chef's Choice Limited**

**vs**

**Onorevoli Prim Ministru, Mark Portelli bhala Chairperson ghan-nom u in rapprezentaza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, il-Ministru Responsabbli mill-Infrastruttura, Transport u Komunikazzjoni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tat-22 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

Illi s-socjeta' attrici ghandha stabiliment bl-isem Chef Choice Building fi Triq il-Latmija, Zabbar, liema triq taghti minn Haz-Zabbar ghal Wied Il-Ghajn. F'dan l-istabbiliment hija ghandha supermarket li minnu tbiegh diversi prodotti tal-ikel u hxejjex, imma principalment lahmijiet li timporta, tipproducu u tiprocessa l-istess socjeta' attrici;

Illi l-Gvern flimkien mal-allura Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta (allura Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku) iddecidew li jibnu t-triq fejn jinsab l-istabbiliment tas-socjeta' attrici mill-gdid. Illi dawn ix- xogholijiet bdew f'Marzu 2009 u tlestew fil-15 ta' Mejju 2010;

Illi l-istabbiliment tas-socjeta' attrici jinsab proprju fil-medda centrali ta' din l-istess Triq il-Latmija, u kwindi access ghall-istabbiliment kien diffikultuz ghall-ahhar u tul il-perjodu tax-xogholijiet is-socjeta' attrici ma setghetx tizvolgi l-attivitajiet taghha, u dan stante li sabiex saru dawn ix-xogholijiet inghalqet karreggata wahda tal-istess triq u l-uzu tal-karreggata l-ohra kien limitat serjament, u barra minn hekk l-istabbiliment tas-socjeta' attrici litteralment ghamel erbatax-il xahar gewwa nofs *construction site*;

Illi bhala rizultat dirett ta' dawn ix-xogholijiet is-socjeta' attrici sofriet nuqqas drastiku fil-bejgh u l-introjtu taghha stante li l-fond taghha ma kienx facilment accessibbli, u stante wkoll illi l-kondizzjonijiet krejati mill-konvenuti jew, min minnhom, ma kienux tali li jhajru n-nies jersqu lejn il-fond tas-socjeta' mittenti;

Illi dan in-nuqqas ta' bejgh, relattiv ghall-perjodu li damu ghaddejjin ix-xogholjiet, jikkostitwixxi danni sofferti mis-socjeta' attrici, u ghal dawn id-danni huma unikament responsabbli l-konvenuti, jew min minnhom;

Illi l-ammont ta' danni soffert ghal kemm damu ghaddejjin ix-xogholijiet huwa facilment kostatabbli, partikolarment meta wiehed jaghmel paragun fic-cifri tal-bejgh ghall-istess perjodi fis-snin ta' qabel, kif ukoll anke mill-awment immedjat fil-bejgh meta regghet infethet it-triq;

Illi barra sabiex saru xogholijiet gew sagrifikati d-drittijiet tas-socjeta' attrici li anke sofriet lezjoni serja fid-drittjiet fundamentali taghha in kwantu jirrigwarda d-dritt ghat-tgawdija tal-propjeta taghha;

Illi dan l-agir da parti tal-istat, fil-konfront tas-socjeta' attrici, jikkostitwixxi wkoll ksur tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tas-socjeta' attrici kif protett bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, Kap. 319 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din L-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni kkagunati lis-socjeta' attrici bhala risultat tal-fatt illi minhabba l-eghluq tat-Triq Latmija fil-perjodu bejn Marzu 2009 sal-15 ta' Mejju 2010, is-socjeta' attrici giet impeduta serjament milli tizvolgi l-attivitajiet kummercjali taghha;

2. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati lis-socjeta' attrici mill-konvenuti, jew min minnhom;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati;

4. Tiddikjara wkoll ghar-ragunijiet fuq premessi illi l-konvenuti, jew min minnhom, illedew id-drittjiet u libertajiet fondamentali tas-socjeta' attrici kif protetti fl-artikolu 1, tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-

Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, Kap. 319 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

5. Tiffissa kumpens dovut lis-socjeta' attrici;

6. Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xierqa;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi l-ispejjez tal-ittri ufficjali tat-28 ta' Mejju 2010 u ta' Awwissu 2010;

Rat is-risposta guramentata tal-Prim Ministru, tal-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, u ta' John Gatt fil-kapacita tieghu ta' Segretarju Permanenti fi hdan l-istess Ministeru li jghidu hekk:

Illi t-talbiet kif kontenuti fil-rikors promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Illi in linea preliminari u bla pregudizzju, l-esponenti ma humiex il-legittimi kontraditturi biex jirrispondi ghat-talbiet rikorrenti u ghalhekk ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, qed jigi kkontestat il-fatt dwar l-allegazzjonijiet maghmula mis-socjeta' rikorrenti illi l-istess socjeta` rikorrenti sofriet xi danni rizultanti mill-fatt li saru xi xogholijiet u qed jigi enfasizzat il-fatt li kull ma sofriet l-istess socjeta` kien biss inkonvenjent temporanju, stante illi mhux minnu li l-istabbiliment tas-socjeta` rikorrenti kien dejjem maghluq waqt il-perjodu msemmi;

Illi ghalhekk hija ferm ikkontestata l-allegazzjoni li s-socjeta` rikorrenti ma setghetx tizvolgi l-attivita` taghha;

Illi tant hu hekk, illi, sa fejn hu nfurmat l-intimat Ministeru ghall-Infrastruttura, f'ebda punt ma waqqfet il-publicita li l-istess socjeta` kienet u ghadha taghmel fuq diversi mezzi tax-xandir;

Illi, kieku kien il-kaz li l-attivita` tas-socjeta` fil-fatt waqfet, kieku zgur ma kienx ikun hemm ghalfejn issir pubblicita waqt dak il-perijodu;

Illi in oltre ghandu jirrizulta illi l-istess stabbiliment mhux talli baqa` miftuh waqt il-perijodu msemmi izda talli baqa` ghaddej bl-offerti illi s-soltu jaghmel lill-pubbliku sabiex naturalment izid il-bejgh tieghu;

Illi ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, ix-xogholijiet fi Triq il-Latmija saru fl-interess pubbliku u l-konvenuti jew min minnhom hadu l-prekawzjonijiet kollha biex matul ix-xogholijiet fi Triq Latmija l-inkonvenjent ikun minimu;

Illi in oltre, x-xogholijiet quddiem l-istabbiliment tas-socjeta` attrici, kollha saru bi pre-avviz filwaqt li thalla access xieraq ghall-operat ta' dan l-istabbiliment kif ammess mill-istess attur;

Illi in oltre ghandu jigi rilevat illi x-xogholijiet illi setghu b'xi mod itellfu l-access ghal dan l-istabbiliment saru nhar festi pubblici jew granet ohra meta l-istess stabbiliment kien maghluq u dan bl-iskop wahdieni li, kemm jista' jkun, jigi mminimizzat l-inkonvenjent ghall-istabbiliment tas-socjeta' attrici u l-klijenti taghha;

Illi dan effettivament ifisser li kawza ta' dawn il-prekawzjonijiet li ttiehdu kif spjegat hawn fuq ghandu jirrizulta illi fil-fatt is-socjeta` rikorrenti ma sofriet ebda danni diretti u ta' xi rilevanza;

Illi fid-dawl ta' dan, ta' min jikkwota mis-sentenza Antonio Camilleri vs Perit Carmelo Micallef mghotija fis-6 ta' Marzu 1950[1] li, fost affarijiet ohra tghid hekk: "F'materja ta' triqat u tad-drittijiet tal-proprjetarji frontegganti triqat u l-pjazez pubblici meta jigu operati xi mutamenti fuq l-istess triqat jew pjazez, ic-cittadini privati li jkollhom dik il-proprjeta' ma jistghux jindahlu lill-Gvern li fl-interess generali jidhirlu li ghandu jaghmel dawn in-notamenti. Pero' huwa ekwu li l-Gvern jirrikompensahom ghad-deprezzament jew danni li ssofri l-proprjeta' kontigwa minn dawk in-notamenti meta d-deprezzament jew id-dannu jkun ta' xi rilevanza."

Illi f'dan l-ambitu, jidher illi f'kazijiet ta' xogholijiet pubblici, il-Gvern ghandu jikkompensa biss fl-ewwel lok, jekk isir xi dannu lejn il-proprjeta u fit-tieni lok, jekk dan id-dannu lejn il-proprjeta jkun ta' xi rilevanza;

Illi bir-rispett kollu lejn r-rikorrenti, zgur ma jistax jigi stabbilit illi hija sofriet xi danni lejn il-proprjeta taghha u zgur ma jistax jigi argumentat li l-inkonvenjent li seta' gie kkawzat minhabba x-xogholijiet imsemmija, seta' b'xi mod kien ta' xi rilevanza;

Illi filwaqt illi huwa principju tacitu li min iwettaq xogholijiet ta' natura pubblika ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni li setghu gew ikkawzati, huwa daqstant iehor tacitu l-principju li nkonvenjent, u fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-esponenti umilment jissottomettu illi kull ma sofriet l-attrici huwa biss inkonvenjent u xejn aktar u b'ebda mod ma jista' jitqies li huwa bizzejjed sabiex jikkawza danni kif qed tippretendi l-attrici, wisq inqas danni 'diretti u rilevanti' (vide Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet Citaz. Nru 425/90 GCD, Qorti ta' l-Appell, 28 Frar 2001);

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, qed jigi rilevat il-punt li jekk stess l-attrici b'xi mod soffriet xi nkonvenjent matul x-xogholijiet imsemmija, dan l-inkonvenjent zgur gie aktar milli kkumpensat eventwalment wara li tlesta x-xoghol u saru l-ameljoramenti li fil-fatt saru fi Triq Latmija, liema ameljorament fl-ambjent ghen sabiex jigu agevolati l-interessi ta' terzi inkluz l-introjtu tal-istabbiliment tas-socjeta` attrici;

Illi in vista ta' dan u in vista tal-principju ta' tpattija, qed jigi sottomess illi kwalunkwe nkonvenjent li seta' gie kkawzat minhabba x-xogholijiet aktar milli gie kkumpensat eventwalment meta tlestew x-xogholijiet imsemmija;

Illi fir-rigward ta' l-allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li c-cirkostanzi fuq msemmija jaghtu lok ghall-ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ghandu jigi rilevat illi din il-lanjanza hija wahda ta' indoli kostituzzjonali u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza fil-gurisdizzjoni odjerna sabiex tiddeciedi fuq din it-talba;

Illi minghajr pregudizzju, l-esponenti limitatment fir-rigward tat-talbiet 4, 5 u 6, jixtiequ jeccepixxu l-intempestivita fir-rigward taghhom stante illi kull talba ghal dikjarazzjoni simili da parti ta' din l-Onorabbli Qorti tista' ssir biss f'kaz illi jkunu gew ezawriti r-rimedji kollha skond il-ligi u dan anke fi stadju t'appell;

Illi ghalhekk it-talbiet imsemmija m'ghandhomx jigu kkunsidrati minn din l-Onorabbli Qorti u jekk semmai il-Qorti jidhrilha li huwa l-kaz li tikkunsidrahom, ghandhom jigu michuda;

Illi minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti jixtiequ jirribattu bl-akbar qawwa l-allegazzjonijiet dedotti fir-rikors promotur u jichdu li c-cirkostanzi tal-kaz odjern b'xi mod anke minimament ivvjolaw anke remotament l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-esponenti jixtieq jaghmel riferenza partikolari ghas-sentenza fl-ismijiet "Nazzareno Galea et vs Giuseppe Briffa et", Qorti Kost. Rik. Nru: 303/90 tat-30 ta' Novembru 2001, fejn dik l-Onorabbli Qorti kellha dan x'tghid fir-rigward:
"….l-artikolu 37 jitkellem car u tond fuq cahda tal-proprjeta` jew id-dritt fuqha minghajr kumpens xieraq. Ifisser dan li ghandek vjolazzjoni jekk ghandek privazzjoni totali tal-proprjeta` jew xi jedd fuqha minghajr l-ebda kumpens jew ahjar minghajr kumpens li ma jkunx xieraq. Din il-konkluzjoni hi wkoll suffragata mill-kumplament tal-artikolu 37 li proprju jipprovdi li dan il-kumpens kellu jigi stabbilit mil-ligi u li lkwantifikazzjoni tieghu kellha tkun soggetta ghall-iskrutinju ta' Qorti b'kompetenza li tinvesti tali mertu biex tassigura l-gustizzja tal-kumpens. Hi allura l-fehma ta' din il-Qorti illi fil-kaz taht ezami ma jokkorrux l-estremi tal-ewwel paragrafu tal-artikolu 37 in kwantu kif fuq elaborat hawn non si tratta ta' tehid ta' proprjeta` jew ta' jedd fuqha taht xi forma jew ohra izda ta' limitazzjoni tal-uzu tal-istess proprjeta` limitazzjoni li tista' tkun koperta bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni imma li ma jidhirx li tista' tigi inkwadrata fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta".

Illi fil-kaz odjern f'ebda punt ma kien hemm tehid forzat ta' proprjeta, anzi ghandu jirrizulta illi mhux talli l-proprjeta minn fejn qed jigi gestit l-istabbiliment tar-rikorrenti baqa' ghand ir-rikorrenti, izda talli l-istess rikorrenti baqghet tgawdi l-istess fond tul il-perijodu kollu u ghadha tgawdi l-istess fond sal-gurnata tal-lum;

Illi r-ragunament fuq espost gie mhaddan ukoll anke fil-kuntest tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, li qed jigi umilment sottomess li ma japplikax ghall-kaz odjern ghax vjolazzjoni tal-artikolu msemmi jippresupponi

privazzjoni tat-tgawdija tal-beni li wiehed jippossjedi (CASE OF TRE TRAKTÖRER AKTIEBOLAG v. SWEDEN *(Application no. 10873/84)*) f'dan il-kaz l-istabbiliment tas-socjeta` attrici u l-interessi ekonomici taghha fl-istess;

Illi s-socjeta qatt ma giet ipprivata mit-tgawdija pacifika ta' l-istabbiliment taghha u dejjem thalliet ikollha access ghall-proprjeta taghha/l-istabbilment Chef's Choice u topera bl-inqas inkonvenjent waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet fi Triq Latmija;

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmlu riferenza ghas-suespost kif ukoll ghal kull prova jew sottomissjoni li tista' tingieb quddiem din l-Onorabbli Qorti, umilment jitolbu lil din l-istess Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Rat ir-risposta guramentata ta' Mark Portelli li tghid hekk:

1. Preliminarjament, l-Awtorità Ghat-Trasport f'Malta ghandha personalita guridika distinta

Fatti dwar din l-eccezzjoni:
1.1. Illi ai termini tal-artikolu 12(1) tal-Att dwar l-Awtorità Ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Awtorità Għat-Trasport f'Malta hija "enti morali b'personalita guridika distinta" u ghalhekk il-legittima kontradittrici hija l-Awtorità nfisha u mhux Mark Portelli in rapprezentanza tal-istess Awtorità;

2. Eccezzjoni: Preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti illi tieħu konjizzjoni tar-raba sas-sitt talba
*Fatti dwar din l-eccezzjoni:*

2.1. Illi jidher illi din il-kawza hija ta' natura "mista" fis-sens illi filwaqt illi l-ewwel tlett talbiet huma ta' natura prettament civili, fir-raba sas-sitt talba qed tintalab dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet u libertajiet fondamentali u, konsegwentement, likwidazzjoni u hlas ta' kumpens jew rimedju iehor;

2.2. Illi madankollu l-kawza giet opprezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili minghajr ma giet indikata s-"sede kostituzzjonali" w inoltre t-talbiet saru f'format tipiku tar-rikors guramentat ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12, mhux tar-Regoli appoziti dwar proceduri Kostituzzjonali jew Konvenzjonali;

2.3. Illi ghalhekk qed tiġi eccepita n-nuqqas ta' Kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti biex tisma' u tiddeciedi r-raba sas-sitt talba;

3. Eccezzjoni: Minghajr pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni, jekk din l-Onorabbli Qorti thoss illi ghandha kompetenza tisma' t-talbiet ta' natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, din il-Qorti ghandha bir-rispett tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talbiet sakemm il-kumpanija attrici tezawrixxi r-rimedji ordinarji taghha

3.1. Illi *ex admissis* Chef's Choice Limited m'ezawrietx ir-rimedji ordinarji taghha, ghaliex f'din il-kawza stess, fl-ewwel sat-tielet talba, qed titlob rimedju ta' natura civili (danni);

3.2. Illi huwa pacifiku illi r-rimedju ta' natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali huwa wiehed straordinarju u m'ghandux jigi mfittex meta hemm rimedju alternattiv adegwat taht ligijiet ohra;

3.3. Illi ghalhekk anke jekk *dato ma non concesso*, din l-Onorabbli Qorti thoss illi hija kompetenti illi tisma' u tiddeciedi talbiet ta' natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, jkun opportun illi din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni [Art. 46(2)] u taht l-Att XIV ta' l-1987 [Art. 4(2)], b'dan li tichad ir-raba sas-sitt talba;

4. Eccezzjoni: Fil-mertu, fit-twettiq tax-xoghlijiet li minnhom qed tilmenta l-attrici, l-Awtorità eccipjenti kienet qed tezercita kemm id-drittijiet u kemm l-obbligi taghha skond il-liġi

Fatti dwar din l-eccezzjoni:
4.1. Illi ai termini tal-artikoli 6 u 7 tal-Att dwar l-Awtorità Ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499), l-Awtorità eccipjenti ghandha mhux biss il-poter iżda anke l-funzjoni u l-obbligu illi taghmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra t-toroq f'Malta;

4.2. Illi ghalhekk ma jistax bl-ebda mod jinghad illi ghemilha huwa abuziv u/jew illi jrendiha responsabbli ghal xi danni u/jew li jezisti n-ness guridiku mitlub mil-ligi bejn ghemilha u d-danni allegatament sofferti mill-kumpanija attrici;

5. Eccezzjoni: Illi fl-ezercizzju tal-poteri u l-funzjonijiet taghha l-Awtorità eccipjenti imxiet bl-ahjar prattici ta' xoghol

Fatti dwar din l-eccezzjoni:
5.1. Illi fix-xoghlijiet imwettqa fi Triq il-Latmija, Zabbar, l-Awtorità eccipjenti segwiet l-ahjar prattici tax-xoghol billi

a. ix-xoghlijiet quddiem l-istabbiliment "Chef's Choice" saru bi pre-avviz u b'ko-ordinament mal-operatur ta' dan l-istabiliment;

b. fl-andament tax-xoghlijiet imwettqa l-Awtorità halliet access xieraq ghall-operat ta' dan l-istabbiliment u ghaldaqstant bl-ebda mod ma impediet merkanzija u/jew klijenti milli jaslu f'dan l-istabbiliment;

c. xoghlijiet illi setghu jtellfu l-access ghal dan l-istabbiliment sar nhar festi pubblici jew granet meta c-*Chef's Choice* ikun maghluq;

6. Eccezzjoni: Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, ghandha ssir prova tad-danni allegati u f'dan ir-rigward ghandu jittiehed in konsiderazzjoni il-gwadann tal-kumpanija attrici stess mill-kwalita ahjar tat-triq wara x-xoghlijiet

Fatti dwar din l-eccezzjoni:
6.1. Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, il-kumpanija attrici ghandha qabel xejn iggib prova li sofriet danni u l-*quantum* ta' tali danni;

6.2. Illi inoltre, jigi rilevat illi x-xoghlijiet imwettqa tejbu bil-bosta l-kwalita tal-infrastruttura stradali ghall-gid tal-pubbliku in generali, fosthom tal-istess Chef's Choice Limited illi qieghda minn issa tgawdi mill-kwalita ahjar tat-triq fejn tiggestixxi n-negozju taghha;

7. Eccezzjoni: Minghajr pregudizzju ghas-suespost, partikolarment it-tieni aggravju, mhuwiex minnu illi sehhet xi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-kumpanija attrici

Fatti dwar din l-eccezzjoni:
7.1. Illi d-dritt fundamentali ta' propjeta mhuwiex wiehed assolut u jista' jkollu limitazzjonijiet fl-interess pubbliku;

7.2. Illi f'dan il-kaz, kif ga ġie spjegat x-xoghlijiet saru sabiex titjib il-kwalita tal-infrastruttura stradali ghall-ġid u fl-interess pubbliku u ghalhekk ma sar ebda ksur u m'hemm lok ghal ebda hlas ta' kumpens jew rimedju iehor;

8. Illi ai termini tal-artikolu 158(3)(c) tal-Kap. 12, jigi dikjarat illi:

8.1. Ghar-ragunijiet imsemmija, il-fatti kif esposti fir-rikors guramentat tar-rikorrent qed jigu ikkontestati u jehtieġ li jigu ippruvati;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi;

Rat in-nota pprezentata mis-socjeta attrici, waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju, 2011, li permezz taghha, minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kostituzzjonali taghha, irtirat ir-raba', il-hames u s-sitt talbiet taghha u ghalhekk il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, kif ukoll ta' dawk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li tressqu fil-konfront tal-istess talbiet;

Rat l-atti u in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**

Illi permezz ta' din il-kawza, s-socjeta attrici Chef's Choice Limited qeghda tfittex lill-konvenuti, sabiex huma jew min minnhom, jaghmlu tajjeb ghall-hsara li hija tghid li garrbet konsegwenza tax-xoghlijiet li l-istess konvenuti wettqu fi Triq il-Latmija, Zabbar, fejn is-socjeta attrici ghandha l-istabbiliment kummercjali taghha. Ix-xoghlijiet sabiex il-konvenuti bnew l-imsemmija triq mill-gdid saru bejn Marzu, 2009 u Mejju 2010. Tul dan il-perjodu, l-access ghall-istabbiliment tas-socjeta attrici kien diffikultuz, peress li kellha tinghalaq

karreggjata, fejn kienu qeghdin jitwettqu x-xoghlijiet. Is-socjeta attrici tilmenta li bhala rizultat dirett ta' dawn ix-xoghlijiet, hija sofriet nuqqas drastiku fil-bejgh u l-introjtu taghha, proprju minhabba n-nuqqas t'accessibilità facli ghall-fond taghha. Dan in-nuqqas ta' bejgh, ghaz-zmien li fih damu ghaddejjin ix-xoghlijiet, jikkostitwixxi l-bazi tal-azzjoni attrici ta' danni, li hija zzomm lill-konvenuti bhala unikament responsabbli ghalihom. Is-socjeta attrici ghalhekk qeghda titlob li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti bhala responsabbli ghad-danni, tillikwida l-istess danni kkagunati lilha bl-agir tal-konvenuti u li tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom sabiex ihallsuha d-danni hekk likwidati.

Il-konvenuti Prim Ministru, Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, kif ukoll is-Segretarju Permanenti fi hdan l-istess Ministeru, laqghu ghall-azzjoni attrici, kemm fil-mertu, izda ressqu wkoll eccezzjoni preliminari fis-sens li mhumiex legittimi kontradittturi. Ikun utli li l-ewwel tigi ezaminata din l-eccezzjoni preliminari. Huwa mifhum li l-konvenuti qeghdin isejjsu din l-eccezzjoni taghhom fuq l-artikolu 181 B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Ghandu jinghad mal-ewwel, li din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni ghandha mis-sewwa, meta tikkunsidra kemm il-provvediment innifsu, kif ukoll il-gurisprudenza in materja. L-imsemmi artikolu jiddisponi li:

> 181B.(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.

Ikun opportun li hawnhekk issir referenza ghall-gurisprudenza in materja fosthom, is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, tal-31 ta' Mejju, 2006, fl-ismijiet **Simon Caruana vs Onor. Prim Ministru**, li ezaminat bir-reqqa d-disposizzjoni tal-ligi partikolari meta nghad:

> Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-legislatur ried li f'kull kaz li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rapprezentanza tkun principalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna ta' l-Avukat Generali, li dejjem u f'kull kaz irid jigi notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern.

Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta), tal-11 ta' Marzu, 2009, fl-ismijiet **Angelo Borg et vs Direttur Generali tax-Xoghlijiet** et, il-Qorti laqghet eccezzjoni simili u qalet hekk:

> Fir-rigward tal-Ministru mbaghad ma hemmx dubju li ma kellux ghalfejn jigi citat ladarba li l-ligi tispecifika li ghandu jigi citat il-Kap tad-Dipartiment koncernat. Madanakollu mill-aspett purament legali l-eccezzjoni hija fondata u se tigi milqugha.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, mill-provi jirrizulta car li l-progett ta' bini mill-gdid tat-triq in kwistjoni kien wiehed tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta. Minn ezami tal-ligi (artikolu 7(b) tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta) li jirregola din l-Awtorita, jirrizulta bl-aktar mod car li fost il-mansjonijiet taghha, hemm ukoll dik tal-bini mill-gdid ta' toroq.

Ghalhekk, isegwi li t-talbiet tas-socjeta attrici fil-konfront tal-Prim Ministru, Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, kif ukoll is-Segretarju Permanenti fi hdan l-istess Ministeru, bhala intimati ma jistghux jintlaqghu u b'hekk ser tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni ta' dawn il-konvenuti, fis-sens li huma mhumiex legittimi kontradditturi ghat-talbiet attrici u ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Dan qieghed jinghad ukoll a bazi tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Awtorita ghat-Trasport f'Malta, li permezz taghha jinghad li l-istess Awtorita hija enti morali li ghandha personalità guridika distinta ai termini tal-artikolu 12(1) tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk hija l-legittima kontradittrici u li ma kienx hemm ghalfejn jitharrek Mark Portelli in rapprezentanza taghha.

Fir-rigward ta' din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita konvenuta, ghandu jinghad, li filwaqt li huwa minnu li l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta ghandha personalità guridika distinta, kif tipprovdi l-istess ligi, fl-artikolu sussegwenti jinghad ukoll li r-rapprezentanza legali tal-istess Awtorita hija vestita solidalment fic-Chairperson jew fl-Ufficjal Ezekuttiv Ewlieni. Fil-fehma tal-Qorti, ma hemm xejn barra minn postu fil-mod kif giet indirizzata l-azzjoni attrici fil-konfront tal-Awtorita konvenuta u ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

Fil-kaz tat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta in kwantu dawn jitrattaw it-talbiet attrici li kienu jindirizzaw l-ilmenti kostituzzjonali taghha, li kif inghad qabel, gew irtirati mis-socjeta attrici, isegwi li din il-Qorti ghandha tastjeni wkoll milli tqis dawn iz-zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita konvenuta.

Trattati l-punti preliminari, jmiss li jigi ezaminat il-mertu tal-kawza. Minn ezami tal-fatti rizultanti mill-atti tal-kawza ghandu jinghad li s-socjeta attrici tressaq numru ta' impjegati, bhal Sabrina Gatt, Maria Scalpello, Saviour Ghirxi u Mario Tabone, bhala xhieda. Dawn ilkoll jixhdu kif matul il-perjodu ta' xoghlijiet li kienu qeghdin jitwettqu fi Triq il-Latmija, bejn Haz-Zabbar u Wied il-Ghajn, naqas in-numru ta' klijenti gewwa l-hanut tal-attrici, li huma jatribwixxu ghan-nuqqas ta' parking u accessibilita. Jinghad ukoll li s-socjeta attrici kienet torganizza vann li jghaddi minn diversi nhawi bhaz-Zejtun, iz-Zabbar u l-Fgura, sabiex iwassal il-klijenti proprju sal-istabbiliment in kwistjoni, biex tnaqqas mill-impatt negattiv fuq in-negozju.

Fil-kaz ta' Mario Tabone, Financial Controller tas-socjeta attrici, jispjega wkoll li l-hanut li jinsab f'Wied il-Ghajn, huwa l-principal sales outlet tas-socjeta attrici. Jinghad ukoll li n-nuqqas ta' attendenza wasslet f'telf ta' bejgh sostanzjali, tnaqqis fil-gross profit margins*,* kif jixhdu l-figuri ppreparati minnu (ara Dok. CC2 a fol. 66 u 67 tal-process). Il-Financial Controller jispjega wkoll li r-running costs tas-socjeta attrici baqghu l-istess peress li zammew l-istess numru ta' impjegati fil-hanut, kif ukoll li xorta baqghu ghaddejjin l-ispejjez bhalma huma l-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Dan kollu jinsab konfermat ukoll mix-xhieda tal-awditur John Abela, li jghid li t-turnover naqas b'20%, li wara li tlestew ix-xoghlijiet, rega' beda tiela. In kontro-ezami jikkonferma li access ghall-hanut dejjem kien hemm permezz ta' karreggjata wahda, hlief f'xi granet partikolari.

Joseph Mizzi, Direttur Manigerjali tas-socjeta attrici, jghid li sar jaf bix-xoghlijiet b'kumbinazzjoni ftit qabel ma nbdew, u minkejja diversi laghat mal-Awtorita koncernata, ftit li xejn kien jinghata informazzjoni. Huwa jilmenta li l-impatt negattiv fuq in-negozju tieghu kien inevitabbli, minkejja l-laqghat kollha li saru,

peress li t-triq setghet tintuza b'karreggiata wahda biss u l-klijenti kienu jew jaqtghu qalbhom, jew dawk li ma kenux midhla tal-post jintilfu, apparti li l-hanut spicca f'nofs building site, li bit-trabijiet ma kienx qed jghin biex jinbieghu prodotti tal-ikel. Xi kultant il-parking biswit il-hanut kellu jinzamm maghluq minhabba x-xoghlijiet u l-kuntrattur li kien jopera l-Cafetteria b'kuntratt ta' kera moghti mis-socjeta attrici wkoll waqaf jopera. Jishaq ukoll li ghalkemm sar minn kollox sabiex ma tintilifx il-klijentela bhal reklamar, tabelli sinjaletici, u offerti ohra, l-attendenzi xorta baqghu nezlin, li wassal ghal nuqqas fid-dhul tas-socjeta attrici.

In kontro-ezami jghid li kien hu li avvicina l-Awtorita konvenuta wara li sema' bix-xoghlijiet proposti. Jikkonferma li qabel inbeda l-progett kienu saru diversi diskussjonijiet dwar ix-xoghlijiet, it-traffiku u informazzjoni generali. Waqt il-progett kienu jiddiskutu meta jinqalghu l-problemi u xi daqqiet anke kellhom xi argumenti mal-kuntrattur. Jikkoncedi wkoll, li hafna drabi x-xoghol bhal l-asfaltar kien jigi diskuss maghhom qabel, izda mhux dejjem kien jinzamm iz-zmien miftiehem. L-aktar li kien jiddiskuti kien ma Charles D'Alfonso da parti tal-Awtorita konvenuta. Huwa jghid li dejjem sab ma' min jitkellem, il-problema kienet il-konsegwenzi li batew u t-telf finanzjarju minhabba c-cirkostanzi. Fiz-zmien in kwistjoni baqa' jzomm l-istess impjegati, izda peress li fetah zewg outlets ohra f'Rahal Gdid u Hal-Qormi, seta' jibghat xi haddiema hemm ukoll. Wara ftit li nbdew ix-xoghlijiet inhass l-impatt fuq il-bejgh li beda jonqos u hekk kif tlestiet it-triq, il-klijenti regghu zdiedu.

Hija meqjusa importanti x-xhieda ta' Paul Gauci, Direttur Manigerjali tas-socjeta Valle del Miele li tissupplixxi lis-socjeta attrici bit-tigieg. Ghalkemm jikkonferma d-diffikultà fl-accessibilita ghall-hanut u li naqqas fil-fornitura tax-xoghol b'madwar terz, ikkonferma li l-vannijiet tieghu dejjem dahlu, jigifieri ghalkemm mhux bhas-soltu, l-access, dejjem kien hemm.

Il-perit tal-Awtorita konvenuta, Edric Micallef, Project Leader responsabbli mix-xoghlijiet, spjega li apparti sejha ghall-offerti ghall-kuntrattur, nharget sejha ghall-offerti wkoll ghal Supervisors. Il-kuntrattur kien Bonnici Brothers Limited (minn hawn 'il quddiem imsejjah BBL), filwaqt li s-Supervisor kienet Design &

Technical Resources Limited (minn hawn 'il quddiem imsejha DTRL), li kienet isegwi l-andament tax-xoghol permezz ta' perit taghha. Il-perit Micallef jixhed li l-progett kien mahsub li jitlesta fuq perjodu ta' sena u effettivament dan il-perjodu kien skorrut b'madwar tmien gimghat. Bhala parti mill-progett, qabel ma saret it-triq in kwistjoni, saru xoghlijiet fuq zewg toroq ohra li kellhom iservu ta' devjazzjoni waqt il-progett. Jispjega wkoll li x-xoghol ghamel xi zmien wieqaf minhabba li nstabu xi fdalijiet arkeologici. Mistoqsi jekk il-kuntrattur wehilx penali ghad-dewmien, jghid li d-dewmien li rrizulta fuq il-progett kien approvat fil-forma ta' estensjoni taz-zmien, mid-Dipartiment tal-Kuntratti, peress li kien hemm ragunijiet validi ghalih. Jispjega li t-triq baqghet miftuha dejjem minn direzzjoni jew ohra u li kien ikun hemm safety barriers jifirdu dik il-karreggjata li tkun qeghda tintuza mill-vetturi, minn fejn kien hemm ix-xoghlijiet. L-Awtorita konvenuta kienet tipprovdi wkoll senjaletika dwar id-devjazzjonijiet fit-toroq. Jghid li l-uniku zmien fejn it-triq kienet kompletament maghluqa kien meta kellu jsir l-asfalt fit-triq, u dan bi ftehim mas-socjeta attrici, sar meta hija ma kenitx topera bhal f'perjodu ta' festa jew xi hdud. L-istess perit esebixxa korrispondenza li turi li effettivament mhux biss li l-ufficjali tal-Awtorita konvenuta kienu jikkomunikaw mas-socjeta attrici (Dok. EM1 a fol. 258 tal-process), izda kienu jipprovaw ukoll ifasslu x-xoghol madwar il-htigijiet taghha (Dok. EM5 a fol. 268 tal-process).

Xehed ukoll Aaron Mifsud Relationship Manager tal-bank APS, li spjega li s-socjeta attrici kellha kontijiet maghhom mis-sena 2002. Ikkonferma li kemm damu ghaddejjin ix-xoghlijiet fuq it-triq in kwistjoni, il-bejgh tal-kumpanija naqas drastikament, li wassal ghal nuqqas ukoll fid-depoziti li s-socjeta attrici kienet taghmel mal-Bank. Dan in-nuqqas kien riskontrat mill-bank kemm minn ezami tal-istatistici tal-attendenzi fil-hanut, bl-audited accounts tas-socjeta attrici u mill-VAT returns. Dan it-tnaqqis kien marbut max-xoghlijiet in kwistjoni, minhabba li kien anke jaghmel site visits regolari fil-hanut u seta' jikkostata l-problema ta' accessibilita ghall-hanut. Jghid ukoll li wara x-xoghlijiet, il-bejgh rega' qabad jizdied, izda l-ammont ta' bejgh ma regghax lahaq l-ammont ta' bejgh daqs kemm kien qabel ma nbdew ix-xoghlijiet. Ir-rapprezentant tal-bank esebixxa wkoll statistika fuq medda ta' tliet snin, li turi tnaqqis sostanzjali fid-depoziti maghmula mis-socjeta attrici fil-perjodu li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet,

li rega' zdied hekk kif tlestew ix-xoghlijiet. Jirrizulta wkoll li s-socjeta attrici qabel ma nbdew ix-xoghlijiet u proprju sabiex jilqa' ghall-impatt negattiv fetah hanut iehor f'Rahal Gdid. In kontro-ezami jikkonferma li wara li nfethet it-triq is-socjeta attrici regghet bdiet tirkupra, izda mhux fil-livell li kien qabel ma bdew ix-xoghlijiet, ghalkemm jikkoncedi li l-*average expense* ta' kull klijent naqset.

Ezaminat id-dokument APS (a fol. 127 et seq. tal-process) mhemmx dubju li x-xoghlijiet tal-bini mill-gdid tat-triq kellhom impatt negattiv fuq l-operat tas-socjeta attrici. Dan jinghad mhux biss minn ezami tad-dokumenti li jixhdu tnaqqis fid-depoziti u mill-*audited accounts* ipprezentati, izda wkoll mill-korrispondenza kopjuza li ghaddiet bejn is-socjeta attrici u l-istess Bank taghha fuq medda ta' zmien. Interessanti li mill-istess korrispondenza, jirrizulta wkoll li s-socjeta attrici kienet mgharrfa mis-sena ta' qabel dwar l-istess xoghlijiet u hija stess tghid li sabet ko-operazzjoni da parti tal-kuntrattur li kien qieghed jahdem fuq ix-xoghlijiet u li ghalkemm l-attendenza tal-klijenti matul ix-xoghlijiet, naqset tul iz-zmien, l-access ghall-hanut baqa' dejjem.

Gie ezaminat ukoll il-kuntratt tax-xoghlijiet (esebit bhala Dok. MC1 a fol. 273 et seq. tal-process) ghall-bini mill-gdid tal-bypass li hemm bejn Marsascala u Haz-Zabbar. Jirrizulta li l-kuntratt gie ffirmat mill-kuntrattur fid-9 ta' Frar, 2009. Fih kien hemm identifikati l-istakeholders kollha tal-kuntratt fosthom is-socjeta attrici (vide fol. 488 tal-process), u l-Awtorita konvenuta rabtet lill-kuntrattur BBL, li jzomm lis-stakeholders infurmati bil-progress tax-xoghlijiet u l-arrangamenti ghat-traffiku tul il-perjodu ta' esekuzzjoni tax-xoghlijiet. Tirrizulta wkoll li kien hemm ko-operazzjoni bejn BBL u s-socjeta attrici, minn korrispondenza mahruga mill-kuntrattur (ara fol. 263 u 735 tal-process).

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta wkoll li sar addendum ghall-kuntratt (esebit bhala Dok. MC3 a fol. 599 tal-process) ffirmat bejn BBL u d-Dipartiment tal-Kuntratti, fejn gie maqbul li l-kuntratt tax-xoghlijiet jigi estiz bi tlieta u erbghin gurnata ta' xoghol, sabiex b'hekk il-kuntratt kellu jitlesta sal-14 ta' Mejju, 2010. Mill-ittra datata 25 ta' Marzu, 2010, mahruga mill-Perit Martin Attard Montalto ghall-Awtorita konvenuta (a fol. 604 tal-process), jirrizulta li d-dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet kien dovut fir-rigward ta' tliet ijiem imputabbli lill-istess

Awtorita sabiex jinhargu dettalji fil-kostruzzjoni ta' ICT ducts, tnax-il gurnata minhabba sejbien ta' natura arkeologika, kif ukoll tmienja u ghoxrin gurnata b'rabta ma' xoghlijiet addizzjonali ghall-iskavar ta' trinka fonda sabiex isir Gravity Sewer main, li precedentement kien mahsub li jsir b'mod differenti, izda kellu jsir it-tibdil mehtieg ghal ragunijiet ta' sahha u sigurta.

Gie esebit ukoll il-programm tax-xoghlijiet tal-progett shih, li minnu jirrizulta li x-xoghlijiet bdew fit-23 ta' Frar, 2009 (Dok. MC5 a fol. 610 tal-process). Il-perit tal-Awtorita konvenuta esebixxa wkoll programm ta' xoghlijiet li kellhom isiru quddiem l-istabbiliment tas-socjeta attrici. Il-perit jixhed li dan il-programm (esebit bhala Dok. MC6 a fol. 611 tal-process) kien sar bi ftehim mad-Direttur Manigerjali tas-socjeta attrici, sabiex ix-xoghol jinbeda l-ghada tal-ewwel tas-sena u jibqa' sejjer f'diversi Hdud u anke festa pubblika meta l-istabbiliment kien ser ikun maghluq. Din l-evidenza ma tinsabx kontradetta.

Permezz ta' nota, s-socjeta attrici esibiet numru ta' rapporti li kienu jinhargu perjodikament kull xahar minn DTRL (esebiti bhala Dok. CC2 sa CC13 a fol. 636 et seq. tal-process). Minnhom tinstilet hafna informazzjoni, fosthom li ghalkemm ma kienx ghadu ffirmat il-kuntratt, BBL kien beda jhejji ruhu permezz ta' diversi laqghat u studji dwar l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet. Wara li gie ffirmat il-kuntratt u BBL nghata l-ordni sabiex jibda x-xoghlijiet, fit-23 ta' Frar, 2009, inbdew ix-xoghlijiet fuq it-toroq li kienu ser iservu ta' devjazzjoni. Minnhom jirrizulta li BBL ghal bidu kien waqa' xi ftit lura fuq ix-xoghlijiet. BBL kien qieghed jahdem sitt ijiem fil-gimgha u xi kultant kien jahdem fuq diversi fazijiet tal-progett simultanjament biex jaghmel tajjeb ghad-dewmien. BBL kellu kemm il-makkinarju, kif ukoll ir-rizorsi l-ohra mehtiega biex iwettaq ix-xoghlijiet u meta mitlub zied ir-rizorsi mehtiega wkoll. Baqa' jigi nnutat li l-kuntrattur kien qieghed jaqa' lura fix-xoghlijiet. F'Awwissu 2009, DTRL kien qieghed jissenjala li l-bzonn li jittiehdu certu decizjonijiet da parti tal-Awtorita konvenuta fuq id-demolizzjoni ta' bini u xoghlijiet ohra rigward Phase 5. Dawn sussegwentement ma jibqghux jissemmew bhala pre-okkupazzjoni. Fir-rapport ta' Novembru tissemma specifikatament laqgha li saret mas-socjeta attrici fejn jinghad li karreggiata wahda tat-triq baqghet dejjem miftuha u saret proposta li tinghalaq it-triq bejn is-Sibt wara nofsinhar u l-Hadd sabiex jahdem

BBL, liema proposta ma ntlaqatx mill-kuntrattur. Mir-rapport finali (esebit bhala Dok. CC14 a fol. 698 tal-process) gie osservat l-estent tax-xoghlijiet involuti fuq il-progett innifsu, kif ukoll li x-xoghlijiet pratikament tlestew fll-14 ta' Mejju, 2010. L-ghada, 15 ta' Mejju, 2010, it-triq infethet ghat-traffiku miz-zewg nahat. Jinghad ukoll f'dan ir-rapport, li fuq progett mahsub li jitwettaq fuq medda ta' sitta u hamsin gimgha, tlesta b'dewmien totali ta' hamsa u hamsin gurnata, li da parti tal-Awtorita konvenuta tqiesu bhala gustifikabbli.

Giet esebita wkoll korrispondenza estensiva dwar il-problemi riskontrati fil-qasam tal-immaniggjar tat-traffiku fl-inhawi ta' fejn kienu qeghdin jitwettqu x-xoghlijiet. L-aktar rilevanti hija dik fejn impjegat Manigerjali tas-socjeta attrici, kien qieghed jilmenta mis-sinjaletika tat-traffiku u d-diffikulta temporanja li kellha sabiex taccedi ghall-imhazen taghha. Izda jirrizulta wkoll li l-Awtorita konvenuta hadet azzjoni immedjata mal-kuntrattur sabiex jiehu hsieb dawn l-ilmenti, li fil-parti l-kbira gew indirizzati fi zmien qasir (Dok. CC29 a fol. 738 et seq. tal-process). Dokumenti ohra jixhdu l-eghluq ta' toroq fl-inhawi ghal tliet ijiem (Dok. CC22 u CC32 a fol. 722 u 746 tal-process). F'okkazjoni minnhom l-Awtorita konvenuta kitbet lill-BBL dwar il-fatt li x-xogholijiet kienu waqghu lura u li l-numru ta' haddiema fuq is-sit kienu biss hamsa fuq Phase 1 (Dok. CC27 a fol. 733 tal-process). DTRL ukoll bghatet ittra lill-BBL sabiex jiehu azzjoni fuq xi dewmien da parti tieghu (Dok. CC30 a fol. 741 tal-process). Jirrizultaw ukoll rakkommandazzjonijiet li saru da parti ta' konsulenti fir-rigward ta' sahha u sigurta, ghal min ikun qieghed jimxi fl-inhawi tal-istabbiliment tas-socjeta attrici (Dok. CC31 a fol. 743 tal-process), kif ukoll mizuri li kellhom jittiehdu mill-kuntrattur wara spezzjoni tas-sit vicin l-istess stabbiliment (Dok. CC33 a fol. 748 tal-process). Mid-daily report sheets jirrizulta perjodu ta' madwar gimghatejn fejn ix-xoghol waqaf minhabba sejbiet ta' natura arkeologika.

Mix-xhieda ta' Chiara Psaila Gauci, Field Officer impjegata mal-Awtorita konvenuta jirrizulta li kienet tiehu hsieb li t-traffic management ikun qieghed isir kif suppost, kif ukoll li jzommu l-istakeholders aggornati b'kull fazi tal-progett, billi jaghmlu l-laqghat. Tqassmu ittri lil tal-hwienet, b'numru tat-telefon ghall-ilmenti li seta' kien hemm, izda, hija li kienet responsabbli ghal tali linja, qatt ma ircecviet ilmenti minghand is-socjeta attrici. Tghid li t-triq in kwistjoni, qatt

ma kienet maghluqa, salv xi tlett ijiem sabiex isir l-asfaltar, izda kien hemm diversion routes. Fil-kaz tas-socjeta attrici, l-laqghat kienu jsiru da parti tal-ufficjal Charles D'Alfonso u ppruvaw jiffacilitaw anke il-parking ghall-istabbiliment.

Dan kollu jinsab konfermat minn Domnic Vella, ko-ordinatur tat-traffic roadworks management tal-Awtorita konvenuta, li fil-kontro-ezami sahaq li parking kien provdut dejjem, inkluz mizuri ghat-traffiku bhal pedestrian crossings. L-istess xhud jispjega li fid-decizjonijiet tieghu, konsiderazzjoni primarja dejjem kienet tkun is-sigurta u l-progett kien jinghata prijorita, izda ghal bqija fejn setghu, kienu jakkomodaw il-bzonnijiet tas-socjeta attrici.

Rega' xehed permezz ta' affidavit il-perit Edric Micallef li xehed li l-progett in kwistjoni kien ta' certu portata u ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Il-Bypass ta' Marsascala hija twila madwar tliet kilometri. Jishaq li l-progett twal bi tlieta u erbghin gurnata zejda, minhabba xi imprevisti li nqalghu waqt ix-xoghlijiet. Jirreferi specifikament ghad-dewmien riskontrat in kwantu d-dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet kien dovut fir-rigward ta' tliet ijiem konsegwenza ta' zieda ta' ICT ducts, li ma kenux inkluzi fil-kuntratt originali; tnax-il gurnata minhabba sejbien ta' natura arkeologika; kif ukoll tmienja u ghoxrin gurnata b'rabta ma' xoghlijiet addizzjonali ghall-iskavar ta' trinka fonda sabiex isir sewer main, li precedentement ma kienx mahsub li jsir bhala parti mix-xoghlijiet. <u>Dawn il-problemi kollha ma kenux fil-vicinanzi tal-istabbiliment tas-socjeta attrici</u>. L-estensjoni tat-terminu kien approvat mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Jiddeskrivi dan il-progett bhala wiehed mill-aktar li mxew b'mod efficjenti. Jirreferi ghall-korrispondenza esebita (Dok. CC16 sa CC19) mill-kuntrattur, li fil-fehma tieghu proprju turi l-insistenza tal-Awtorita konvenuta, li ma jinholoqx inkonvenjent u li jkun hemm direzzjonijiet cari u gestjoni tajba tat-traffiku. Isemmi diversi mizuri li ttiehdu sabiex inaqqsu l-impatt negattiv bhal l-ewwel fazi tal-progett li kien jikkonsisti f'resurfacing ta' toroq alternattivi u li thalliet karreggjata wahda dejjem miftuha. Jispjega li Dok. CC22 esebit mis-socjeta attrici fejn it-triq inghalqet ghal kollox ma kenitx it-triq tal-istabbiliment. Jishaq fuq il-ko-ordinazzjoni li saret mad-dirigenti tas-socjeta attrici sabiex ix-xoghlijiet quddiem l-istabbiliment isiru fi zmien is-shutdown, inkluz Hdud u Festi sabiex

jagevolaw lis-socjeta attrici. Jiddeskrivi r-relazzjoni mad-dirigenti tas-socjeta attrici bhala kordjali. F'okkazjoni minnhom, Joseph Mizzi kien sahansitra fahhar il-progett, waqt intervista tat-televixin u li ghalhekk baqghu sorprizi, meta l-Awtorita kienet rinfaccjata bil- proceduri legali odjerni.

Xehed estensivament ukoll Charles D'Alfonso, Quality Assurance Manager fi hdan l-Awtorita konvenuta, li fuq il-progett in kwistjoni kien ikkoordina x-xoghlijiet mehtiega flimkien max-xoghlijiet tas-servizzi, mal-istakeholders, fosthom Chef's Choice, li skont l-istess kuntratt kienet elenkata bhala major stakeholder, li kellha tigi kkonsultata u jahdmu id f'id maghha. Bhala Manager tal-unit, kellu kuntatt dirett u regolari ma' Joseph Mizzi, sabiex jikkoordinaw ix-xoghol u l-implimentazzjoni tal-imaniggjar tat-traffiku sabiex ma jaffetwawx in-negozju negativament. F'certu okkazzjonijiet kien hemm ukoll sospensjoni tax-xoghlijiet, sabiex isiru l-konsenji tal-prodotti fl-istabbiliment. Hadmu ezatt quddiem l-istabbiliment wara l-Ewwel tas-Sena 2010 meta kien maghluq b'shutdown u fil-festa pubblika ta' San Pawl, sabiex ma jissospendux l-operat tas-socjeta attrici. Hallew dejjem parkegg fil-vicinanzi tal-istabbiliment.

In kontro-ezami D'Alfonso jishaq li t-triq inghalqet kompletament jumejn fil-bidu tas-sena 2010 sabiex it-triq tinghata base course level, li sussegwentement seta' jghaddi t-traffiku minn fuqha u regghet inghalqet ghal gurnata wahda bejn id-9 ta' Frar 2010 u l-10 ta' Frar, 2010, festa pubblika u dan bi ftehim mad-dirigenti ta' Chef's Choice, sabiex isir l-ahhar saff ta' asfalt meta l-istabbiliment ikun maghluq. Ix-xhud ikompli jispjega li fil-kaz tas-sejbiet arkejologici, BBL inghata xoghlijiet ohra lil hinn mill-kuntratt originali. Ttiehdet din id-decizjoni proprju sabiex ma jittawwalx il-progett aktar milli kien hemm bzonn, bil-process ta' ghazla ta' kuntrattur gdid. Spjega wkoll li din il-fazi tal-progett kienet lil hinn minn fejn jinstab l-istabbiliment tas-socjeta attrici u ghalhekk is-socjeta attrici ma kenitx affetwata direttament b'din il-fazi peress li dik it-triq biswit l-istabbiliment kienet miftuha. Ix-xoghlijiet quddiem l-hanut tas-socjeta attrici kienu jaqghu fit-tielet fazi tal-progett u ghalhekk anke l-intoppi li jissemmew fil-hames fazi tal-progett ma kenux fil-vicinanzi tal-imsemmi hanut, izda fl-inhawi tar-Razzett tal-Hbiberija. Kien hemm overlapping ta' fazijiet, kif ukoll fazijiet fejn saru in parallel.

Mistoqsi dwar Dok. CC10 jispjega li ghalkemm is-socjeta attrici pproponiet li x-xoghlijiet fejn tinghalaq it-triq isiru f'Novembru, bejn is-Sibt fis-1pm u l-Hadd, sabiex f'Dicembru tkun tista' topera b'mod normali, il-kuntrattur kellu diffikulta biex jaccetta din il-proposta, peress li ma kienx konvint li jlesti fiz-zmien mitlub. Frott ta' diskussjonijiet li saru, gie deciz li certu xoghlijiet quddiem il-hanut kellhom jigu posposti ghal wara l-festi. B'referenza ghar-rapporti ta' DTRL li jsemmu numru ta' granet fejn ix-xoghol waqa' lura, gie spjegat li dawn il-granet indikati ma kenux dawk kuntrattwali, u ma kellhomx jittiehdu f'daqqa peress li effettivament x'uhud minn l-istess granet, fl-ahhar mill-ahhar, gew irkuprati. Fil-fatt ikompli jispjega li l-progett gie estiz b'tlieta u erbghin gurnata biss li meta wiehed jikkonsidra kollox, kienu gustifikabbli. Mistoqsi kif jiggustifika li qal ix-xoghol quddiem Chef's Choice kien komplut sal-ahhar ta' Dicembru 2009, ma dak li jinghad fl-ahhar rapport mahrug minn DTRL fejn jinghad li x-xoghol tlesta fl-14 ta' Mejju 2010, ix-xhud jispjega d-differenza bejn meta t-triq tinfetah ghat-traffiku peress li tkun tista' tintuza liberalment u l-kuntratt komplut skond il-kundizzjonijiet li jkun hemm, bhal snagging jew certu dettall ta' tisbih li ma jtellifx mill-operat tat-triq per se.

B'referenza ghal Dok. CC16 jispjega li meta kien hemm nuqqas da parti tal-kuntrattur fl-implimentazzjoni tal-pjan tal-immaniggjar tat-traffiku, hadu azzjoni fil-konfront tieghu u BBL ha hsieb jirratifika s-sitwazzjoni. Jishaq li l-korrispondenza li harget l-istess Awtorita konvenuta fil-konfront tal-kuntrattur fejn dan naqas, fil-fehma tieghu jixhdu li kienu qeghdin jaghmlu xogholhom permezz ta' spezzjonijiet regolari. Jispjega certu mizuri tat-traffiku li ttiehdu biswit l-istabbiliment tas-socjeta attrici.

Trattati l-fatti rizultanti mill-atti jmiss li ssir l-analizi taghhom mill-perspettiva legali. Ghandu jinghad li meta jsir progett infrastrutturali ta' certu portata bhal dak tal-bini mill-gdid tat-triq in kwistjoni, huwa mistenni li s-socjetajiet kummercjali li jkunu f'dawk l-inhawi ser igarrbu impatt negattiv waqt l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet, izda imbaghad dawn l-istess entitajiet ser jibbenifikaw minn l-istess progett ghal numru ta' snin wara li jitlesta l-progett. L-iskrutinju li jrid isir mill-Qorti meta tkun rinfaccjata b'allegazzjonijiet ta' danni

konsegwenza ta' xoghlijiet infrastrutturali mwettqa fil-vicinanzi, bhall-kaz odjern, huwa li tezamina l-agir ta' dik l-entità pubblika fdata b'dawk ix-xoghlijiet, f'dan il-kaz l-Awtorita konvenuta, sabiex tistharreg jekk l-agir taghha kienx ragonevoli fic-cirkostanzi, jew jekk l-agir taghha jonqosx minn dik il-prudenza u diligenza mehtiega minn bniedem ordinarju, li xxaqleb lejn negligenza li ghaliha trid tirrispondi.

In tema legali jinghad, li l-artikoli tal-ligi meqjusa relevanti in materja, huma l-artikolu1030 "Kull min jaghmel uzu mill-jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu"; l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili fejn jinghad li: "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu", kif ukoll l-artikolu 1032 tal-istess Kodici li jipprovdi: "jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja". Jinghad ukoll "Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar."

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet **G. Spiteri vs A. Camilleri,** deciza fid-9 ta' April 1937, affermat illi :

> d-diligenza li hija necessarja fil-materja tad-danni li kienu gejjin mid-delitti u l-kwazi-delitti hija dik tal-persuna medja, cioe` d-diligenza ordinarja 'la media del dovere non e' la previdenza della quale e` capace un dato individuo, ma e` quella comune di un uomo prudente (Cogliolo – Colpa Aquiliana, Scritti Vari Vol. I pg. 222)

Ta' relevanza wkoll ghal dan il-kaz, hu dak li qalet din il-Qorti fil-kawza **Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et** deciza fit-3 ta' Ottubru, 2003:

> Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias [artikolu 1032(1), Kodici Civili].

Meta jigu applikati dwn il-principji ghall-kaz in ezami, jehtieg li jigi ppruvat li l-Awtorita konvenuta kolpozament u negligentement ma haditx il-prekawzjonijiet ta' bonus paterfamilias mistennija minnha, biex tassigura li ma jigux kawzati d-danni lis-socjeta attrici.

F'dan il-kuntest, kawza li kellha cirkostanzi simili ghal dawk in ezami u ghalhekk hija meqjusa ferm relevanti, hija s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tas-16 ta' Jannar, 2003, fl-ismijiet **Fiorino d'Oro Co. Limited vs Direttur tat-Toroq** fejn kien ritenut illi:

> l-kuncett tar-responsabilita' tal-Gvern hi bazata, bhal dik tac-cittadin ordinarju, fuq id-delitt u l-kwazi-delitt kif kontemplat fl-artikolu 1029 et seq tal-Kodici Civili. Dan ifisser li l-Gvern biex jista' jinstab responsabbli ghad-danni irid ikun agixxa b'imprudenza, b'negligenza u bla l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ghax diment li "jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu" – artikolu 1030 Kodici Civli. Fil-kawza "Xuereb et vs Micallef et", deciza minn din l-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 1953, intqal li "Id-dispozizzjoni tal-ligi li tirrendi responsabili tal-hsara li tigri bi htija ta' min ikun kagun ta' dik il-htija hija generika u ma taghmel ebda eccezzjoni, lanqas ghal-Gvern; u ghalhekk il-Gvern huwa obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa, fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu, johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregjudizzju lit-terzi" (ara ukoll "Apap Bologna vs Borg Olivier", deciza minn din il-Qorti fis-06 ta' Frar, 1958; "Zahra vs Direttur Xogholijiet Pubblici" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-03 ta' Dicembru, 1991; u, aktar, "Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2001)...
>
> Fil-waqt li, f'xogholijiet pubblici, wiehed ghandu jistenna li jkun hemm solidarjeta` socjali, meta l-Gvern jonqos milli jiehu passi rimedjali meta jkun hemm nies qed isofru pregjudizzju akbar milli hu ragjonevolment mehtieg, allura tidhol ir-responsabilita` tieghu.
>
> **Il-Gvern ikun qed jonqos mill-obbligi tieghu jekk, nonostante n-nuqqasijiet evidenti, ihalli kollox ghaddej u ma jiehu ebda passi biex inaqqas l-inkonvenjent li qed isofri l-pubbliku, u partikolarment f'dan il-kaz, is-socjeta attrici**. (enfasi mizjud minn din il-Qorti)

Din is-sentenza kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar, 2006 fejn inghad ukoll:

> Ir-ragjonevolezza" taz-zmien hija kwistjoni ta' fatt li l-Qorti trid tasal ghaliha wara li tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha. Galadarba ix-xoghol kellu jitlesta f'temp ta' sena – u ma kien hemm xejn x'jindika li dan bhala fatt (u ghalhekk irrispettivament min-nozzjoni ta' res inter alios acta) ma kienx zmien ragjonevoli – u galadarba dan iz-zmien inqabez konsiderevolment u, per di piu`, dan gara evidentement minhabba n-nuqqas tal-Gvern li jara li l-kuntrattur jibghat nies bizzejjed biex ix-xoghol isir bis-serjeta, jigi li l-konvenut hareg barra mill-qies fl-ezercizzju tal-jedd tieghu. Id-dritt ghar-rizarciment tad-danni ma jemanax mill-kuntratt bejn il-Gvern u Penza izda mill-fatti kif effettivament sehhew, inkluz il-fatt ta' dewmien ezagerat. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Din il-Qorti filwaqt li taqbel perfettament mal-principji appena enuncjati, issib li kuntrarjament ghac-cirkostanzi tal-kaz appena citat, f'dan il-kaz ma tirriskontrax nuqqas fl-esekuzzjoni tal-obbligi tal-Awtorita konvenuta. Certament jirrizulta li meta l-kuntrattur ma mexiex skond il-kuntratt, hadet azzjoni f'waqtha, u fil-fehma tal-Qorti, hadet il-passi kollha mehtiega  sabiex tnaqqas l-inkonvenjent li kienet qeghda ggarrab is-socjeta attrici.  Lanqas ma jista' jinghad li hija harget mill-limiti, meta qabzet it-terminu ta' sena b'madwar xahrejn.  Fil-fehma tal-Qorti dan iz-zmien mhux wiehed irragonevoli, u ma kienx dovut ghal xi kapricc jew traskuragni izda ghal ragunijiet gustifikabbli (skond ir-rapport u r-ritratti dwar il-fdalijiet arkeologici esebiti bhala Dok. MC2 a fol. 568 tal-process, kif ukoll l-ittra mahruga mill-perit Attard Montalto a fol. 604 tal-process). Fi kwalunkwe kaz, mill-provi jirrizulta li d-dewmien ma kienx riskontrat direttament fuq it-tielet fazi tal-progett li kienet ta' interess ghas-socjeta attrici, izda fuq fazijiet ohra, meta allura kien hemm access ghall-istabbiliment tas-socjeta attrici.

Ghandu jinghad ukoll li kif tqassam il-progett, ma nghalqitx it-triq kompletament ghal din is-sena u xahrejn shah, peress li l-progett tqassam f'fazijiet, thalla access fuq karreggjata minnhom dejjem, salv tliet ijiem partikolari meta sar l-asfaltar. Ma tressqux provi ta' xi negligenza, jew nuqqas ta' prudenza jew diligenza da parti tal-Awtorita jew tal-ufficjali taghha fil-qadi tad-doveri taghhom. Anzi mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-Awtorita konvenuta kienet ippruvat taghmel minn kollox, sabiex tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega u tnaqqas l-impatt negattiv li x-xoghlijiet kienu ser jikkagunaw lis-socjeta attrici.  Ippruvat taghmel minn kollox ukoll biex tagevola s-socjeta attrici u tnaqqas l-inkonvenjent li kienet qeghda ssofri.

Dan johrog car mill-kontro-ezami tad-Direttur  Manigerjali tas-socjeta attrici meta jinghad:

> ...ifhmni jiena l-argument ha nkun car, ma kienx ghax ma kienx hemm ma kontx insib ma kontx nitkellem jew ma jitkellmux mieghi, mhux dak, ovvjament il-konsegwenzi li dejjem bghatejna bic-cirkostanzi hux....jigifieri dawn id-diffikultajiet kollha li ahna affaccjajna ruhna

> maghhom u wrew ghax fl-accounts li pprezentajna kienu sinifikanti hux il-losses li ghamilna.
>
> ...Ifhimni gieli ddiskutejna, ovvjament mhux dejjem sar dak li xtaqt. Nifhem ghax skond ic-cirkostanzi tax-xoghol hux.

Isegwi li ma giex ippruvat in-ness ta' kawzalità mehtieg bejn l-agir tal-Awtorita konvenuta u d-danni sofferti mis-socjeta attrici. Kif inghad fl-ahhar sentenza appena citata, l-ordinament guridiku Malti ma jikkontemplax is-sistema adoperata f'certu pajjizi ohra, fejn il-Gvern ghandu jikkompensa lill-privat ghall-iskomdu jew hsara li jgibu maghhom l-esekuzzjoni ta' xoghlijiet ta' certu portata jew ta' interess nazzjonali, minghajr il-htiega li tintwera in-negligenza jew traskuragni. Pajjizna ma' adoperax dik is-sistema fil-qasam ta' Government liability, izda l-Gvern biex jista' jinstab responsabbli ghad-danni, irid jigi ppruvat li agixxa b'imprudenza, b'negligenza u bla l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ghax diment li "jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu". Konsegwentement, din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta attrici li l-Awtorita konvenuta ghandha tinzamm responsabbli ghat-telf ta' qliegh li rat, konsegwenza tal-fatt biss li saru x-xoghlijiet fi Triq il-Latmija.

Ghalhekk, ghalkemm jirrizulta li meta l-Awtorita wettqet ix-xoghlijiet, tassew kien hemm impatt negattiv fuq in-negozju tas-socjeta attrici, fi kwalunkwe kaz, l-Awtorità konvenuta m'ghandhiex twiegeb ghad-danni, peress li ma jirrizultax illi d-danni sehhew minhabba negligenza, nuqqas ta' prudenza jew diligenza ezercitata da parti taghha. Ghall-kuntrarju, mill-korrispondenza kollha esebita u mix-xhieda mressqa, l-Awtorita konvenuta ghamlet dak kollu possibli sabiex tipprevjeni ghall-impatt tax-xoghlijiet fuq is-socjeta attrici. Hadet ukoll, azzjoni f'waqtha mal-kuntrattur fejn dan naqas, ikkollaborat mas-socjeta attrici u fejn setghet indirizzat il-htigijiet taghha, skond il-bzonn u fi zmien tempestiv.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, filwaqt li tastjeni milli tiddeciedi r-raba', l-hames u s-sitt talbiet attrici, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, tilqa' l-

ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Prim'Ministru, Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, kif ukoll is-Segretarju Permanenti fi hdan l-istess Ministeru, fis-sens li dawn mhumiex legittimi kontraditturi u ghandhom ghalhekk jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju, u tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita konvenuta, izda qeghda tilqa' l-eccezzjonijiet taghha fil-mertu u tichad it-talbiet tas-socjeta attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur